# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 19

L-Erbgħa 24 ta' Settembru 2025

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Erbgħa 24 ta' Settembru 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur John Farrugia – Kunsillier
Is-Sur John Cassar - Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 19.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;

19.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier Mark Busuttil informa lill-Kunsill li ser ikun indispost u ma jistax jattendi għal-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-membri tal-Kunsill li kienu preżenti aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

### 19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

19.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 18 ġew ċirkolati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

19.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

19.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 19.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

19.3.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li saret b'suċċess l-attivita' tat-tfal f'għeluq il-vaganzi tas-Sajf nhar il-Ħadd 21 ta' Settembru 2025 fi Pjazza tal-Knisja fil-Munxar.

19.3.2 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li x-xogħol ta' tindif u ħasil fix-Xlendi sar ukoll mill-Kunsill kif propost fil-laqgħa preċedenti.

### 19.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

19.4.1 Il-Viċi Sindku Carmela Parnis talbet sabiex issir manutenzjoni fuq mera tat-traffiku fi Triq Ras il-Bajjada fil-Munxar wara r-riħ qawwi tal-aħħar jiem. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

19.4.2 Il-Kunsill John Cassar ressaq suġġeriment sabiex il-Kunsill jagħti aktar attenzjoni fir-rigward tal-għeluq ta' toroq meta jkun hemm xi attivita' soċjali fil-Munxar biex ikun hemm l-anqas inkonvenjent possibbli għas-sewwieqa. Huwa talab ukoll sabiex il-Kunsill isegwi mal-awtoritajiet konċernati s-suġġeriment tal-Kunsill biex tiġi nstallata il-magna tar-riċiklaġġ tal-fliexken fil-lokalita'.

**19.5 Proġetti u Inizjattivi fil-Lokalita';**

19.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-proġett tal-kummissjoni u l-installazzjoni tal-bust tal-Professur Ġuże' Aquilina mistenni jkun lest sa Diċembru 2025 b'fondi taħt skema tal-aġenzija LESA. Ix-xogħol infrastrutturali fejn ser jiġi nstallat dan il-bust mistenni li jibda fil-jiem li ġejjin.

19.5.2 Is-Sindku għarraf lill-membri dwar l-attivitajiet li l-Kunsill ser ikun qed jorganizza fil-ġranet bejn l-10 u t-12 t'Ottubru 2025 fejn ser isiru attivitajiet soċjali b'kollaborazzjoni ma' Munxar Falcons FC nhar il-Ġimgħa 10 t'Ottubru, ħarġa għal 'Birgu by Candlelight' nhar is-Sibt 11 t'Ottubru, attivita' tat-tberik tal-annimal nhar il-Ħadd 12 t'Ottubru, kif ukoll esebizzjoni ta' ritratti u kostumi relatati mal-*musical* 'L-Appostlu tal-Ġnus' nhar is-Sibt 11 u l-Ħadd 12 t'Ottubru 2025.

**19.6 Ittra ta' Direzzjoni mill-Awdituri u r-Risposta tal-Kunsill;**

19.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-ittra ta' direzzjoni mill-Awdituri fejn saru xi rimarki wara l-*audit* li sar għas-sena 2024, kif ukoll ippreżenta risposta li għandha tintbagħat lill-Awdituri, lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali kif ukoll lill-Awditur Ġenerali.

19.6.2 Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti dwar id-dokumenti ppreżentati lilhom, il-Kunsill qabel mar-risposta li għandha tintbagħat u ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report*:**

## 19.7 Jannar 2025 – Ġunju 2025 (It-tieni kwart);

19.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport finanzjarju ta' kull kwart mill-1 ta' Jannar 2025 sat-30 ta' Ġunju 2025 li ntbagħat wkoll għall-attenzjoni tal-membri permezz ta' *email*.
Ir-rapport finanzjarju tat-tieni kwart Jannar 2025 – Ġunju 2025 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 19.8 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

19.8.1 Applikazzjoni għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- *Filming* f'Xatt ix-Xlendi – 4 t'Ottubru 2025;
- Attivita' soċjali mill-*Gozo Community Choir* fi Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar – 4 t'Ottubru 2025;
- Attivita' reliġjuża fi Pjazza tal-Knisja u Triq Madonna tal-Karmnu, Il-Munxar - 5 t'Ottubru 2025
- Attivita' soċjali organizzata b'kollaborazzjoni ma' Munxar Falcons FC fi Triq Madonna tal-Karmnu, Il-Munxar - 10 t'Ottubru 2025;
- Attivita' soċjali – tberik tal-annimali fi Pjazza tal-Knisja u Triq il-Madonna tal-Karmnu, Il-Munxar – 12 t'Ottubru 2025.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni u approva l-permessi ġaladarba l-Kunsill jirċievi *no objection* tal-Pulizija u ta' Transport Malta fejn applikabbli.

19.8.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-*Gozo Action Group Foundation* b'approvazzjoni għall-estensjoni tat-tlestija tal-proġett sat-12 ta' Settembru 2025. Il-Kunsill innota l-kontenut.

19.8.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mit-taqsima tal-IMU fi ħdan il-Ministeru għall-Għawdex bi proposta sabiex fil-*website* tal-Kunsill Lokali jkun hemm servizzi addizzjonali b'informazzjoni dwar avviżi tal-għeluq ta' toroq u avviżi dwar manutenzjoni skedata rigward qtugħ fil-provvista tal-elettriku u tal-ilma. Kien hemm qbil mill-membri preżenti sabiex il-Kunsill joffri dan is-servizz ta' informazzjoni fuq il-*website*.

19.8.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza b'konferma tal-applikazzjoni għall-għajnuna finanzjarja mill-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar biex il-

Kunsill itella' attivitajiet soċjali fil-jiem tal-Milied 2025 u tal-Karnival 2026.

19.8.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali b'approvazzjoni għall-għajnuna finanzjarja wara applikazzjoni SPI/SCI/04/2025 li ġiet sottomessa mill-Kunsill biex itella' programm t'attivitajiet fi żmien il-Milied 2025. Il-Kunsill innota l-kontenut.

19.8.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Kap tal-Iskola Primarja ta' Sannat sabiex il-Kunsill jorganizza attività ċkejkna biex jilqa' lit-tfal tal-Kindergarten fl-ewwel ġurnata skolastika tagħhom nhar l-1 t'Ottubru 2025. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar din il-proposta.

19.8.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Transport Malta dwar servizz ta' parkeġġ riservat għal erba' xhur bejn Ġunju u Settembru fi Triq Ta' Rinota fil-Munxar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

19.8.8 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Kunsill Reġjonali Għawdex bi proposta għall-proġett bl-isem "Għawdex Tikka Tikka: kull tikka storja, kull storja, Aħna". Dan il-proġett li se jinvolvi lill-istudenti adoloxxenti fi ħdan is-Seminarju Minuri se jkun jikkonsisti fi tlett żjarat mill-istudenti ġewwa l-lokalitajiet Għawdxin f'postijiet kulturali. Kien hemm qbil mill-membri preżenti biex il-Kunsill Lokali Il-Munxar jissieħeb f'dan il-proġett fejn il-Kunsill jilqa' lill-istudenti fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi, fit-Torri tax-Xlendi u Sanap *Cliffs*. Kien hemm qbil mill-membri wkoll sabiex il-Kunsill jieħu ħsieb it-trasport tal-istudenti kif ukoll jipprovdi *snack* u flixkun ilma lill-istudenti.

19.8.9 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar akkumulazzjoni ta' *vacation leave* biex jiġu trasferiti għas-sena 2025. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill sabiex 100 siegħa jiġu trasferiti għas-sena 2026. L-iSkrivana u l-Assistent Prinċipal tal-Kunsill ukoll ressqu t-talba tagħhom għat-trasferiment ta' 112 siegħa kull wieħed għas-sena 2026. Fl-istess talba, l-iSkrivana ser tkun qed iġġedded 72 siegħa *time-off in lieu*, filwaqt li l-Assistent Prinċipal ser tkun qed iġġedded 399.75 sigħat ta' *time-off in lieu* akkumulati minn snin preċedenti. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan it-trasferiment għas-sena 2026.

19.8.10 Il-Kunsill irċieva korrispondenza flimkien ma' ħames kotba mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex li ngħataw lilhom mill-Professur Friggieri

għal kull Kunsill Lokali biex jinżammu fil-librerija tal-Kunsilli. Il-Kunsill innota l-kontenut.

19.8.11 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex b'informazzjoni dwar l-attività tal-għeluq ta' Għawdex bħala r-Reġjun Kulturali għas-sena 2025. Din l-attività ser issir nhar il-5 ta' Diċembru 2025 ġewwa ċ-Ċittadella. Il-Kunsill innota l-kontenut.

19.8.12 PQ 30772 – Infrastructure Malta – Talbiet mill-Kunsilli Lokali – Xogħlijiet. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

19.8.13 Il-Kunsill irċieva komunikat mingħand Transport Malta dwar restrizzjonijiet fuq ħruġ ta' permessi mill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

19.8.14 Ċirkulari Nru AKL 2025/049 – SiGMA Euro-Med 2025. Il-Kunsill innota l-kontenut.

19.8.15 Ċirkulari Nru AKL 2025/050 – Programm ġdid fuq PBS dwar il-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

19.8.16 Ċirkulari Nru AKL 2025/051 – Informazzjoni dwar il-papi tal-Librara fil-libreriji tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

19.8.17 Ċirkulari Nru AKL 2025/052 – Informazzjoni dwar tiġdid tal-karti tal-Identita'. Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt li ċċara li dan is-servizz diġà kien ġie offrut is-sena l-oħra fil-Munxar.

19.8.18 Ċirkulari Nru AKL 2025/053 – Rolex Middle Sea Race 2025. Il-Kunsill innota l-kontenut.

19.8.20 Ilment 60/2025
Resident jitlob l-intervent tal-Kunsill sabiex jitneħħa imbarazz u skart goff f'żoni komuni ta' blokk appartamenti quddiem garaxx ta' terza persuna. Dan ir-resident spjega li hemm ammont kbir minn dan l-iskart u anke preżenza ta' ġreiden. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie nnutat li sakemm dan l-iskart ikun għadu mir-rixtellu 'il ġewwa, mhux fil-kompitu tal-Kunsill li jintervjeni.

19.8.21 Ilment 61/2025

Sid ta' stabbiliment kummerċjali jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali dwar is-servizz tal-*waste depot* fix-Xlendi biex ikun miżmum aktar aħjar. Il-Kunsill innota dan l-ilment filwaqt li s-Sindku għarraf lill-membri li għaddejjin taħdidiet ma' *Circular Economy Malta* dwar dan is-servizz.

19.8.22 Ilment 62/2025

Resident u sid ta' opra tal-baħar jilmenta dwar dgħajjes u karrijiet li jħalluhom fl-is*lipway* u jostakolaw l-aċċess għall-opri tal-baħar oħrajn. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jgħaddi dan l-ilment lill-Pulizija tal-Komunita'.

**19.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

19.9.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 19/2025-9 għall-perjodu bejn it-22 t'Awwissu 2025 u l-24 ta' Settembru 2025 li tammonta għal €35,926.22 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsillier John Cassar kien il-proponent filwaqt li l-Kunsillier John Farrugia s-sekondant.

**19.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

19.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Erbgħa 22 t'Ottubru 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, l-Erbgħa 22 t'Ottubru 2025.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv